MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

SEDUTA TAL-25 TA' JANNAR, 2012

RIKORS NUMRU. 399/2011

**A B**
**vs**
**C SIVE D SIVE E B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet kontendenti konjugi B kienu ilhom iktar minn ghoxrin sena *de facto* mifrudin li minnhom numru ta' snin kienu fi proceduri kontenzjuzi quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni Familja, liema proceduri gew ceduti wara li sar Att Pubbliku li rregola l-firda legali bejn il-konjugi B, permezz ta' Att Pubbliku in Atti Nutar Dr Alexander A Sciberras Trigona debitament awtorizzat mill-Qorti Kompetenti, u li jgib id-data tal-15 ta' Dicembru, 2010, hawn mehmuz bhala Dokument JB 1.
2. Illi effettivament il-konjugi B kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-Tnejn, 10 ta' Gunju ta' 1974, fil-Furjana, skond kif jirrizulta mill-anness Certifikat taz-Zwieg li jgib in-Numru

Referenzjali 1480/1974. Mir-relazzjonijiet konjugali ta' bejniethom twieldu zewgt itfal, it-tnejn subien, li llum huma maggorenni u jahdmu ma' terzi. Illi, ghaldaqstant, ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment li xi ulied minuri u l-manteniment lill-Intimata C B huwa rregolat mill-Att Pubbliku tal-15 ta' Dicembru, 2010 li sar wara s-snin ta' proceduri kontenzjuzi f' kawza ta' Firda Legali quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja.
3. Illi l-konjugi B effettivament infirdu *de facto* wara li r-Rikorrenti stabilixxa relazzjoni ma' terza persuna u li minnha diga' ghandu tliet ibniet, ilkoll minuri, li allura bhala stat ta' fatt m' hemm ebda dubju li l-kojugi B ilhom iktar minn erba' snin mifrudin minn xulxin, sitwazzjoni li giet kristalizzata bl-iffirmar tal-Kuntratt ta' Firda Legali debitament awtorizzat skond il-Ligi u li jgib id-data tal-15 ta' Dicembru, 2010 (15.12.2010), ara d-Dokument mehmuz JB 1.
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Talab prevja r-referenza ghall-kontenut kollu ta' dan ir-Rikors odjern, prevja r-referenza ghad-Dokument JB 1 li huwa l-Kuntratt ta' Firda Legali datat 15 ta' Dicembru, 2010 in Atti Nutar Dr Alexander A Sciberras Trigona, prevja r-referenza ghal dan kollu, illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li kien sehh fil-Parrocca tal-Furjana nhar it-Tnejn, 10 ta' Gunju, tas-sena 1974, u dana skond l-anness dokument hawn indikat bhala Dokument “JB 2”;
b. Tikkonferma illi l-hall ta' dan iz-zwieg qed isir a bazi ta' l-Att Pubbliku tal-15 ta' Dicembru, 2010 u ghal fatt li l-konjugi B kienu ilhom mifrudin *de facto* ghal madwar ghoxrin sena u dana wkoll skond ma jirrizulta mill-kontenut fl-intier tieghu ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern u l-Att Pubbliku hawn mehmuz indikat bhala Dokument “JB 1”;
c. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

d. Li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni nkluz direttivi li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq w opportun fic-cirkustanzi tat-talbiet kif hawn fuq suesposti.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija issottomettiet :

1) Illi hija ma ghandhiex oggezzjoni li t-talba ghad-divorzju tintlaqa' purke dan isir bla hsara ghall-obbligu li l-attur ghandu li jixtri lill-esponenti karozza Citroen C1, liema obbligu kellu jwettqu sal-15 ta' Dicembru, 2011 imma li sal-lum ghadu ma wettqux u dan ai termini tal-klawsola 13 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u il-provi li gew prodotti;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghad-divorzju gew sodisfatti peress illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn ghoxrin sena de facto mifrudin minn xulxin u rat illi il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt illi igib id-data tal-15 ta' Dicembru 2010;

Illi Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorrenni u jahdmu u rat ukoll illi ma hemm l-ebda problema dwar il-manteniment illi ir-rikorrenti ihallas lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------